MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 387/2009

**Avviz Numru. 387/09 VG**

**J.V.E. Limited**

**Vs**

**Dorothy Muckle u Glencairn Enterprises (International) Limited**

**Il-Qorti**

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma bilancjali ta' hamest elef mitejn u tliet Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€5203.22) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenuti jew min minnhom u fuq

struzzjonijiet taghhom stess, u li minkejja nterpellati biex ihallsu baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u tal-Mandat ta’ Qbid prezentati kontestwalment mal-Avviz, u imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva, u cioe’, tas-27 ta’ Marzu 2009, kontra l-konvenuti jew min minnhom .

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti tilqa’ t-talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ ta’ hamest elef mitejn u tliet Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€5203.22), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------